MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Laqgħa Numru 53/2018

L-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

### 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 52/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

53.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

53.2.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ġibed l-attenzjoni dwar il-minuti 52.11 fejn qal li l-laqgħa kienet skedata għat-18 ta' Settembru 2018 li mbagħad bi qbil unanimu mxiet għas-26 ta' Settembru 2018.

53.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

53.3.1 Is-Sindku ndirizza lill-membri tal-Kunsill billi kkwota l-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali Artiklu 17 u fakkar li ordnijiet, struzzjonijiet jew direttivi għan-nom tal-Gvern Lokali għandhom jinħarġu biss mis-Sindku, miċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv jew mis-Segretarju Eżekuttiv ħlief għall-ordnijiet ta' xogħol jew kisba ta' servizz li għandhom jinħarġu biss taħt l-awtorita' tas-Segretarju Eżekuttiv.

53.3.2 Is-Sindku għamel referenza għall-istqarrija li għamel il-Viċi Sindku fuq il-midja soċjali kif ukoll għall-*email* li ntbagħtet mill-Kunsilliera Sandra Grech dwar in-nuqqas ta' ndafa fil-lokalita'. Huwa qal li dawn saru b'intenzjoni biex jidher ikrah hu fejn saħansitra qal li anke telefonati rċieva biex jirreżenja dwar dan. Is-Sindku dar fuq il-Viċi Sindku u saqsieh x'nuqqasijiet qed jara rigward l-indafa

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

fir-raħal.
Il-Viċi Sindku wieġeb li l-problema mhix tal-ħaddiema tal-Kunsill iżda l-problema hija tal-membri kollha tal-Kunsill. Huwa qal li ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' ndafa wara ħafna lmenti li waslulu.
Is-Sindku dar fuq il-ħaddiema tal-'Community Workers Scheme' li jaħdmu mal-Kunsill u li kienu preżenti waqt il-laqgħa u qalilhom li wara dawn l-ilmenti u l-istqarrijiet, ser ikun hemm il-bżonn li jibda jsir pjan ta' ħidma aktar iddettaljat u min ma jżommx ma dan il-pjan ser jittieħdu azzjonijiet dixxiplinari kontrih, dan sabiex niżguraw ħidma responsabli speċjalment rigward l-indafa fir-raħal.
Chev Carmelo Saliba qal li l-medja soċjali għandna nużawha biex nuru l-apprezzament tagħna lejn il-ħaddiema u nperċu s-sabiħ u l-pożittiv fir-raħal.
Chev Carmelo Saliba ppropona vot ta' fiduċja u ringrazzjament favur il-ħaddiema għax dejjem kienu ta' għajnuna u dejjem għamlu xogħol siewi fil-lokalita'. Kulħadd kien favur dan il-vot.
Is-Sindku qal li hu kuntent bil-ħaddiema u bix-xogħol li jagħmlu iżda qal li permezz tal-istqarrija tal-Viċi Sindku qed jidher li hemm bżonn ta' aktar impenn mill-istess ħaddiema.

53.3.3 Is-Sindku ppreżenta wkoll *email* li ntbagħtet mill-Viċi Sindku dwar bankina ġdida li saret fi Triq Ħal Sagħtrija u li skont il-Viċi Sindku saret wiesa' iżżejjed b'wisgħa ta' tlett piedi u li segtħet saret b'wisgħa ta' pied peress li hemm bankina oħra eżestenti. Is-Sindku wieġeb li din saret hekk fuq parir tal-perit peress li il-post li jmiss mal-bankina eżistenti huwa antik bi ħnejjiet antiki u ma jissugrax ikisser il-bankina eżistenti biex jagħmel waħda ġdida. Is-Sindku qal ukoll li l-bankina eżistenti hija għolja ħafna u mhix aċċessibli speċjalment għall-persuni b'diżabilita' għalhekk il-ġdida saret wiesa' 1.2 metri. Huwa qal li ser jerġa' jiltaqa' mal-perit fuq il-post biex jara tistax tidjieq il-bankina l-ġdida.

53.3.4 Is-Sindku poġġa għad-diskussjoni ċ-ċirkulari AKL 2018/107 dwar interess mill-Kunsill Lokali għal servizz ta' ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma mill-uffiċċju tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar dan, il-membri preżenti qablu li juru l-interess biex il-Kunsill jibda joffri dan is-servizz darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Erbgħa. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jibda juża s-servizzi tal-'Group 4' biex kull nhar ta' Erbgħa, qabel l-għeluq tal-uffiċċju, iġorr il-flus li jkunu nġabru lejn il bank 'BOV' biex ma jitħallewx ammonti ta' flus fil-Kunsill.

53.3.5 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar l-ammont ta' flus akkumulati fil-fond UIF li jammonta għal €99,954.02 fiż-Żebbuġ u €273,858.87 f'Marsalforn. Huwa poġġa fuq il-mejda pjanta tal-proġett tal-*playingfield* fiż-Żebbuġ għall-



KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

approvazzjoni tal-Kunsill sabiex b'hekk jibda l-proċess tal-applikazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

53.3.6 Is-Sindku irringrazzja lil eks-arċipriet Fr Rueben Micallef tas-servizz li ta lill-parroċċa u lill-lokalita' taż-Żebbuġ u qal li l-quddiesa ta' ringrazzjament tiegħu ser tkun nhar il- 4 ta' Novembru 2018 fl-10.30 ta' filgħodu. Filwaqt li l-pussess tal-arċipriet il-ġdid Fr John Sultana ser ikun nhar il-11 ta' Novembru 2018 fit-3.30 ta' wara nofsinhar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li l-Kunsill jippreżentalhom tifkira tal-okkażżjoni. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jagħmel laqgħa u jirringrazzja lil Fr Rueben Micallef kif ukoll laqgħa oħra ma' Fr John Sultana biex il-membri jawgurawlu għall-ħidma l-ġdida fost il-komunita' taż-Żebbuġ.

53.3.7 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn Doreen Cini li tagħti servizz ta' trasport lit-tfal tal-primarja lejn l-iskola u lura li l-prezz ser jgħola minn €40 għal €55 fil-ġimgħa. Kien hemm qbil unanimu mill-membri sabiex dan is-servizz jibqa' jingħata minnha bil-prezz il-ġdid.

53.3.8 Is-Sindku talab lill-*accountant* tal-Kunsill li kien preżenti sabiex jispjega fid-dettal is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill lill-membri. L-*accountant* is-Sur Daniel Galea spjega li s-sitwazzjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2018 kienet pożittiva iżda huwa qal li wara li l-Kunsill irċieva żewġ kontijiet minn Road Construction Co Ltd ta' xogħlijiet li saru fi Triq Ċaqra u Triq Għar Qawqla, is-sitwazzjoni nbidlet ħafna. Huwa fakkar ukoll li għad baqa' xi kontijiet x'jiġu tax- xogħol fuq il-moll tax-Xwejni u tax-xogħol li għadu kif beda fuq *railing* fi Triq Onici u Triq Sqaq Anton Mallia. Barra minn hekk huwa qal li l-Kunsill irid joħroġ il-persentaġġ tiegħu għax-xogħlijiet fi Triq Wied L-Infern u Triq Wied L-Abjad li x-xogħol f'dawn it-toroq ser jibda' fiż-żmien qarib. L-*accountant* ta parir lill-membri sabiex ordnijiet ta' xogħlijiet ġodda ma jsirux. Huwa qal li għal din is-sena kif ukoll għal din il-leġislatura huwa stmat li l-Kunsill ser jispiċċa bi żbilanċ għalhekk kull nefqa anke jekk hi żgħira, għandha tiġi meqjusa bil-għaqal. Il-Viċi Sindku wieġeb li meta bdew din il-leġislatura ukoll kienu sabu żbilanċ .

53.3.9 Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar is-sejħa tal-offerti li ser tiġi ppublikata fil-jiem li ġejjin biex isir ix-xogħol ta' restawr fuq is-salib tal-pjazza bħala parti mill-iskema ta' restawr maħruġa minn ECO Gozo. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jinħatar il-bord tal-evalwazzjoni u jkun magħmul minn: Chairperson: Nicky Saliba, Segretarju: Ryan Debrincat, filwaqt li l-evalwaturi jkunu Dr Joshua Grech, il-Perit Mario Cordina u William Sultana.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

53.3.10 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kamra applikazzjoni għall-*long leave* tal-impjegata Joanne Grima. Huwa qal li dan il-*leave* huwa minħabba mard fil-familja u qed jintalab għall-perjodu bejn it-8 t'Ottubru 2018 u s-27 ta' Novembru 2018. Joanne Grima kien baqalha 93 sija *leave* bi ħlas u ser tieħu 222 sija *leave* bla ħlas. Kien hemm qbil u approvazzjoni ta' dan il-*leave* mill-membri preżenti.

53.3.11 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppreżenta lill-membri tal-Kunsill ittri mill-impjegati Frances Cefai u Liliana Borg kif ukoll ittra mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-bilanċ ta' *vacation leave* li ser jibqa' minn tas-sena 2018 jiġi akkumulat u mġedded għas-sena 2019. Frances Cefai se jkun baqalha 45 sija, Liliana Borg 44 sija filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv 30 sija biex jiġġeddu għas-sena 2019. Ir-raġuni li ser jibqa' dan il-*leave* hu minħabba li din is-sena kellna impjegati ġodda li riedu jiġu mħarrġa u ma setgħax jittieħed il-*vacation leave* kif mixtieq mill-istess impjegati kif ukoll kien hemm waħda mill-impjegati li ħarġet bil-*long leave*. Il-membri tal-Kunsill approvaw dan bil-kundizzjoni li dan il-*vacation leave* jittieħed sa nofs is-sena 2019.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina staqsa dwar dawn il-punti li ġejjin:

- Stima mill-Perit dwar l-isqaq fi Triq il-Ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar dwar il-parir li kien għadu kemm ta l-*accountant* dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Il-Viċi Siindku rtira din il-proposta u qal li ser jispjega dan kollu lir-resident.
- Isir *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-bini ta' ħajt tas-sejjieħ li waqa' bil-maltemp fi Triq ta' Tutijiet.
- Fakkar biex il-Kunsill jiċċekkja dwar it-tinda tal-boċċi fil-Qbajjar jekk taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.
- Il-progress tal-bankina biex titwessa' fi Triq Madonna taċ-Ċiċri. Is-Sindku wieġeb li huwa kellem lir-residenti li għamlu din it-talba mal-Viċi Sindku u qalulu li huma kuntenti jekk issir rampa tal-injam u tintuża biss x'ħin ikunu jridu joħorġu.
- Hu ġibed l-attenzjoni dwar drenaġġ li qed jimtela' mill-fossa ta' Ħal Sagħtrija Complex u jitbattal fi *spactions* residenzjali fi Triq is-Sagħtrija. Is-Sindku wieġeb li diġa' kellem lill-kuntrattur u lil min hu responsabbli minn dan il-kumpless. Is-Sindku talab biex tintbagħat ittra bil-miktub lil

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

min hu responsabbli mill-kumpless.

- Biex jinbidlu l-globi mkissra ta' ħdejn 'Horizon Restaurant'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kemm il-darba ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dawn u ser jerġa' jibgħatlu *reminder*.
- Biex isir *railing* jew *bollards* kif ukoll tabella cul-de-sac fi Triq Ħal Sagħtrija ħdejn it-taraġ. Kien hemm qbil dwar dan.
- Biex jinżabru u jsir bexx tal-palm tal-*playingfield* taż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ix-xogħol imniżżel fil-*workplan* tal-kuntrattur għax-xahar t'Ottubru 2018.
- Talba biex isir nofs metru *double yellow lines* maġenb garaxx tar-residenza 'Our Destiny', Triq Għajn Mhelhel. Din it-talba resqet għall-vot tal-membri u ma kienx hemm qbil dwar dawn is-sinjali.
- Biex jitnaddaf il-passaġġ taċ-ċiangatura fi Triq is-Sellum li mill-Ponta jagħti għal fejn iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil dwar dan.
- Staqsa dwar it-talba għall-kumpens tal-inċident li kellu Wiġi Cini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jiċċekja mal-avukat tal-Kunsill dwar din peress li dan l-inċident kien ġara qabel ma beda hu fil-kariga.

53.4.2 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ressaq dawn il-punti li ġejjin:

- Staqsa dwar is-saħħa u s-sigurta' waqt ix-xogħol tal-ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kuljum kienu jingħataw *workplan* iffirmata bix-xogħol tal-ġurnata u fiha kien hemm imniżżel li jridu jkunu lebsin is-*safety vests*, is-*safety shoes*, ipoġġu *cones* fejn ikunu qed jaħdmu kif ukoll jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel jagħmlu x-xogħol mitlub minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv fuq dan il-punt qal ukoll li hemm bzonn isir *risk assessment report* u ċertifikat fuq il-muturi tal-qtugħ ta' ħaxix. Kien hemm qbil dwar dan.
- Suġġeriment biex isir pjan tal-immaniġjar tat-traffiku għal Triq Oniċi u Triq Ħal Sagħtrija. Kien hemm qbil dwar dan biex dan ir-rapport isir mill-Perit tal-Kunsill.
- Suġġeriment sabiex issir bankina ġdida fi Triq il-Kanun mad-dar ta' Karmena Saliba. Il-membri qabblu li jmur il-Perit jiċċekja tistax issir minħabba l-wisa' tat-triq.
- Staqsa jekk il-fondi tal-'EU for Citizens' għall-ġemellaġġ li kien sar ma' Lanuvio, il-Kunsill kienx ġabarhom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li €7,500 kienu daħlu iżda l-ispiża ta' dak il-ġemellaġġ kienet ħafna akbar.
- Staqsa jekk kienx hemm *follow up* dwar il-ġemellaġġ ta' Lanuvio sabiex issa r-residenti taż-Żebbuġ imorru Lanuvio fuq skambju bejn il-lokalitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsillier Chev Carmelo

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Saliba li kien ħdejh meta sar kuntatt mal-President tal-'Comune di Lanuvio' Dr Maurizio Santoro sabiex niżguraw li tintefa' l-applikazzjoni min-naħa tagħhom.

- Suġġeriment sabiex il-Kunsill jibgħat l-awgurju tiegħu lil Giuseppe De Luca li reġa' laħaq Sindku ta' Maletto, lokalita' ġemmellata mal-lokalita' taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan.
- Xtaq jagħmel enfażi għal darba oħra sabiex il-lokalita' taż-Żebbuġ tkun aktar aċċessibli u titranġa Triq ta' Milied filwaqt li Triq ta' Ċenċ issir aċċessibbli għat-trasport pubbliku sabiex jilħaq lir-residenti ta' dawk in-naħat.
- Issir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitneħħa l-ħadid li sar mas-sies t'Abram issa li l-periklu tneħħa peress li nbena mill-ġdid il-ħajt ta' fuq mis-sidien.
- Issir ħarġa kulturali b'kollaborazzjoni mal-parroċċa u mal-Fondazzjoni Valletta 2018 biex inżuru 'Notte Bianca' fil-Belt Valletta nhar is-6 t'Ottubru 2018. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkordina mal-Fondazzjoni Valletta 2018 miniħabba t-trasport filwaqt li l-loġistika tieħu ħsiebha l-parroċċa.
- Suġġeriment sabiex jitfakkar Pink October. Is-Sinjura Sandra Grech wieġbet li biex dan isir il-Kunsill irid jiġbor donazzjonijiet għal 'Marigold Foundation' u tiġi ppreżentata lis-Sinjura Michelle Muscat. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar dwar email li kien bagħat lill-Kunsilliera dwar il-parteċipazzjoni għal din il-kampanja fl-4 ta' Lulju 2018.
- Fakkar dwar il-plakka kommemorattiva flimkien mal-mafkar li kien jinsab fi Triq iż-Żebbuġ li kien tneħħa u li għandu l-approvazzjoni tal-Kunsill li jerġa' jsir mill-ġdid.
- Fakkar dwar ix-xogħol sabiex jitranġa il-passaġġ t'Abram.
- Suġġeriment sabiex issir kuruna tar-ram mal-mafkar tal-eroj żebbuġin fil-pjazza taħt l-ismijiet tagħhom. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.
- Suġġeriment biex isir mafkar ġdid li jfakkar il-25 sena ta' Kunsill Lokali fiż-Żebbuġ u jinkitbu fuqu l-ismijiet tal-membri kollha li servew fil-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li Reġjun Għawdex ser jirrikonoxxi lill-membri kollha t'Għawdex li servew fil-Kunsilli Lokali permezz ta' tifkira ndividwali li ser tingħata lilhom. Ma kienx hemm qbil mill-membri li jsir monument ġdid fiż-Żebbuġ iżda kien hemm qbil li ssir lapida kommemorattiva u teħel fl-uffiċċju tal-Kunsill.
- Proposta sabiex isiru sett bnadar ġodda ta' Malta, tal-Ewropa, tar-Reġjun Għawdex u taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan.



KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

- Esprima s-sodisfazzjon dwar is-suċċess tas-servizz tal-*live streaming* li kellu udjenza ta' 51,073 *hits* isegwu l-*camera* tal-pjazza u udjenza ta' 34,245 *hits* isegwu l-*camera* tal-Knisja. Ressaq suġġeriment sabiex meta l-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja tajba aktar 'il quddiem jinvesti fit-tielet *camera* li tkun *mobile camera* sabiex tkun tista tintrema' waqt l-attivitajiet madwar il-lokalita' kollha. Kien hemm qbil dwar dan.
- Proposta sabiex it-triq ta' wara l-Knisja tissemma' għal Mons. Frangisk Saliba benefattur tal-Knisja taż-Żebbuġ. Kien hemm qbil dwar dan.

53.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech ippreżentat *invoice* tal-Beer Fest maħruġa minn Chris Gauci ta' Beam Lighting u talbet lill-membri tal-Kunsill sabiex jiġi approvat u jitħallas mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-pagamenti tal-Beer Fest ġew imħallsa skont il-ftiehem li kien sar u li dan il-ftiehem ġie approvat fil-laqgħa numru 49/2018. Is-Sindku qal li mhux aċċettabli li dan jitressaq fil-Kunsill u ma jistax jaċċetta li jinħoloq preċedent li jsir il-ftiehem mal-għaqdiet tal-kollaborazzjoni ta' attivita' imbagħad wara jġibu kontijiet oħra biex jitħallsu. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li dan ma jitħallasx mill-Kunsill għax ma kienx inkluż fil-ftiehem li sar qabel l-attivita'.

53.5 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
*Service Tender for the collection of bulky refuse from the locality of Zebbug, Gozo, in an environmentally friendly manner*;

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar is-6 ta' Settembru 2018. Dawn kienu:
Maria Magro €30,812.10
Nicholas Zammit €15,825.00

53.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-bord tal-evalwazzzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħata lil ħadd minn dawn il-kuntratturi minħabba li ma laħqux ir-rekwiżiti tekniċi mitluba fis-sejħa tal-offerti. L-evalwazzjoni finanzjarja ma ġietx ikkunsidrata mill-bord peress li ma kienux konformi mar-rekwiżiti tekniċi.

53.5.3 Wara diskussjoni bejn il-membri, huma laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat unanimament. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill li din is-sejħa għall-offerti terġa' tiġi ppublikata.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

## 53.6 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

53.6.1 Ċirkulari AKL 2018/098 – University of the Third Age 2018-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.2 Ċirkulari AKL 2018/099 – Proċeduri għall-applikazzjonijiet ta' permessi ta' tower cranes. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.3 Ċirkulari AKL 2018/100– Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 10. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.4 Ċirkulari AKL 2018/101 – Invite to the Conference "I borghi piu' belli del Mediterraneo". Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.5 Ċirkulari AKL 2018/102 – Access City Awards 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.6 Ċirkulari AKL 2018/103 – Laqgħa tas-Sindki, 27 t'Ottubru 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.7 Ċirkulari AKL 2018/104 – Inizjattiva Għotja ta' Demm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.8 Ċirkulari AKL 2018/105 – Press Conference – Masters in Governance and Management (Level 7). Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.9 Ċirkulari AKL 2018/106 – Ġbir ta' skart riċiklat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.10 Ċirkulari AKL 2018/107 – Ħlasijiet ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddiskuta din iċ-ċirkulari aktar kmieni.

53.6.11 Ċirkulari AKL 2018/108 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Joseph Mifsud, ħu s-Sur Anthony Mifsud President Reġjun Tramuntana u Membru fl-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.12 Ċirkulari AKL 2018/109 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Mario Pulis, missier il-Viċi Sindku Clive Pulis mill-Kunsill Lokali tal-Isla. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.13 Ċirkulari AKL 2018/110 – Press Conference – Inizjattiva Bżieżaq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

53.6.14 Ċirkulari AKL 2018/111 – E-Skills Malta Foundation Citizen Focus Group. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.15 Ċirkulari AKL 2018/112 – Mental Health Association (Malta) – Empowerment Course. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.16 Ċirkulari AKL 2018/113 – Reġistrazzjoni għal M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġġjar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.17 Ċirkulari AKL 2018/114 – Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali – Salarji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.18 Ċirkulari AKL 2018/115 – Dikjarazzjoni mill-Kunsilli Lokali li ser jipparteċipaw fl-inizjattiva ta' kontra r-rilaxxar tal-bżieżaq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.19 Ċirkulari AKL 2018/116 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.20 IPS *Circular No*. 10/2018 – Language Training Programme 2018/2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.21 DLG Ċirkulari Numru 5/2018 – Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali fuq Studji dwar l-Impatt fuq l-Istorbju Ambjentali – Istruzzjonijiet għall-Proposti tal-Iżvilupp u l-Permessi Industrijali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.22 DLG Ċirkulari Numru 6/2018 – Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali (L.s. 441.04). Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.23 DLG Ċirkulari Numru 7/2018 – Kjarifika għal Ċirkulari 19 2016 – Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs). Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.24 DLG Ċirkulari Numru 8/2018 – Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart (L.S. 549.43). Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.25 DLG – EPSON open calls for tenders and list of upcoming events. Il-Kunsill innotat il-kontenut.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

53.6.26 DLG – Komunikat mingħand Transport Malta dwar restrizzjonijiet ta' permessi bejn is-6.00am u d-9.30am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.27 MFCS Parl Sec - Premju Soċjeta Ġusta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

53.6.28 Reġjun Għawdex – ġbir ta' ħġieġ fl-ewwel Tlieta tax-xahar. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mal-proposta tar-Reġjun Għawdex sabiex jibdew it-trattattivi mal-Wasteserv, l-ERA u l-kuntratturi.

53.6.29 Applikazzjonijiet tad-Divertiment:

- Joe Zahra obo Deryk Sacco obo Kempinski Hotel San Lawrenz – Social Event – Triq il-Batterija, il-Qbajjar – 01/10/2018 – Approvata;
- Kenneth Grech – Wedding Ceremony – Xwejni Salt Pans – 13/10/2018 – Approvata;
- Mary M'Enteggart – Wedding Ceremony – Triq il-Batterija Qbajjar - 13/09/2019 – Approvata;
- George Borg obo Abraham's Supplies – Social Event – Xwejni Salt Pans – 13/11/2018 – Approvata;
- Mauro Gasan obo Petite Events – Social Events – Xwejni Salt Pans – 20/09/2018 & 06/10/2018 – Approvati;
- Fiona Micallef – Social Event – Triq il-Batterija, Qbajjar – 15/09/2018 – Approvata.

Il-Kunsill saħaq li l-permessi huma approvati mill-Kunsill bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill u ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Pulizija.

53.6.30 Ilment 47/2018 – M. A. Cini
Titlob biex isiru sinjali jew tabelli sabiex il-vetturi jnaqqsu l-veloċita' fi Triq Sant'Indrija u Triq Mons De Piro. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isiru *road markings* mal-art bil-kelma *SLOW*.

53.6.31 Ilment 48/2018 – Rosa Cini
Titlob biex issir tabella tal-*one way* fi Triq Madonna taċ-Ċiċri għax il-vetturi qed jgħaddu kontra l-linja minn Triq taċ-Ċaqra għal Triq l-Għażżiela. Il-membri qalu li diġa hemm tabella bi vleġġa fuq ix-xellug sabiex dawk il-vetturi li joħorġu minn Triq taċ-Ċaqra jiksru fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin.

53.6.32 Ilment 49/2018 – Supt. M. Cauchi
Suġġerimenti dwar il-bajja tal-Qbajjar:

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

- Swimming zone taħt Triq il-Batterija. Il-Kunsill kien diġa' għamel talba biex issir iżda ġiet irrifjutata minn Transport Malta.
- Biex isiru tabelli ta' speed limit 20 minħabba sewqan eċċessiv fi Triq ix-Xwejni. Kien hemm qbil dwar dan.
- Isir aktar superviżjoni dwar ħsejjes eċċessivi tal-karrozzi. Il-membri qalu li l-infurzar għandu jsir mill-Pulizija stess u il-Kunsill ser jinforma lill-gwardjani lokali ukoll dwar dan.
- Biex isiru aktar kontrolli minn *inspectors* fuq ir-regolamenti waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni speċjalment dwar saħħa u sigurta'. Il-membri tal-Kunsill qalu li dan is-suġġeriment għandu jgħaddi għand l-awtorita' konċernata.
- Ġibed l-attenzjoni dwar skart ta' kostruzzjoni ħdejn l-appartamenti ta' quddiem il-bajja. Il-membri qalu li dak it-terrapien qed ġol-privat.
- It-torri tal-qbajjar li qed jiddeterjora' u li hemm bżonn ta' manutenzjoni fih u fil-madwar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġew infurmati l-awtoritajiet responsabli.
- Ġibed l-attenzjoni dwar klieb abbandunati jiġru fit-toroq tal-Qbajjar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bħala Kunsill infurmajna kemm il-darba lil *Animal Welfare* iżda ma jistgħu jagħmlu xejn peress li f'Għawdex ma hawnx santwarju tal-annimali abbandunati.
- Biex issir kaxxa tal-posta għad-depożitu tal-ittri fil-Qbajjar. Kien hemm qbil mill-membri biex issir talba lill-Maltapost plc.

53.6.33 Ilment 50/2018 – G. Vella

Jitlob biex il-parkeġġ fi Triq Ħal Sagħtrija jiġi organizzat. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li ssir pjanta mill-Perit għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

53.6.34 Ilment 51/2018 – J. Grima (librara)

Titlob biex jinxtraw set ta' 12-il ktieb għal-librerija mmirirati għat-tfal tal-Year 1 u Year 2. Kien hemm qbil li jinxtraw peress li l-iskema tax-xiri tal-kotba ma ħarġitx mid-dipartiment din is-sena.

53.6.35 Ilment 52/2018 – M. Magrin

Titlob biex il-Kunsill jieħu miżuri li jipprojbixxu ipparkjar ta' vetturi fi Triq il-Knisja fl-aħħar parti faċċata tal-Każin tal-Banda. Wara diskussjoni dwar dan, ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

53.6.36 Ilment 53/2018 – D. W. Treble
Jitlob biex isiru double yellow lines quddiem il-bibien tad-dar tiegħu u tal-ġarr tiegħu fi Triq il-Lampuka peress li qed jipparkjaw eżatt quddiem il-bibien tagħhom. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

53.7.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM 40/2018 tat-Tlieta 7 t'Awwissu 2018 ma kienux approvati mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn peress li l-laqgħa KAM 41/2018 tat-Tlieta 11 ta' Settembru 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ma saritx minħabba nuqqas ta *quorum*.

## 53.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

53.8.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 38/2018 għall-perjodu bejn l-24 t'Awwissu 2018 u l-25 ta' Settembru 2018 li tammonta għal €38,115.30 kienet approvata u ffirmata.

## 53.9 Mozzjonijiet;

53.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 53.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 26 t'Ottubru 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 26 t'Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)